

Brussell, 17 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10320/1/26
REV 1

SOC 383
EMPL 204
ECOFIN 794
GENDER 110
EDUC 258
COMPET 740
SAN 461

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi dwar aspetti relatati mal-ġeneru tal-kwalità tal-impjiegi - <i>Preżentazzjoni mill-President tal-EMCO</i> - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Messaġġi Ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi dwar aspetti relatati mal-ġeneru tal-kwalità tal-impjiegi li għandhom jiġu ppreżentati mill-President tal-EMCO lill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2026.

Aspetti relatati mal-ġeneru tal-kwalità tal-impjiegi

Messaġġi ewlenin

1. INTRODUZZJONI

Fl-24-25 ta' Marzu 2026, il-Grupp ta' Analiżi tal-Politika tal-Kumitat tal-Impjiegi (PAG tal-EMCO) sejjaħ laqgħa tripartitika li laqqgħet flimkien rappreżentanti tas-sħab soċjali fil-livell tal-UE u dawk nazzjonali, l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiddiskutu d-dimensjoni tal-ġeneru tal-kwalità tal-impjiegi. Il-laqgħa saret fil-kuntest usa' tal-ħidma li għaddejja tal-EMCO dwar il-kwalità tal-impjiegi, filwaqt li bniet fuq l-*Opinjoni* ppreżentata lill-Kunsill f'Ġunju 2025¹ u qabel l-aġġornament tal-qafas ta' monitoraġġ relatat mill-Grupp ta' Indikaturi (IG) tal-EMCO². Id-diskussjonijiet ġew infurmati minn evidenza ppreżentata mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), il-Eurofound, il-Eurostat u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), b'fokus fuq tliet temi interrelatati: (i) in-negozjar kollettiv u s-segregazzjoni settorjali; (ii) id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, il-progress fil-karriera u l-protezzjoni soċjali; u (iii) l-istress relatat max-xogħol, is-saħħa mentali u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

¹ [Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi dwar id-dimensjonijiet tal-kwalità tal-impjiegi](#), 6 ta' Ġunju 2025.

² Il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (MPI) tal-2026, *għadu ġej*.

2. ASPETTI TA' POLITIKA EWLENIN DWAR ID-DIMENSJONI TAL-ĠENERU TAL-KWALITÀ TAL-IMPJIEGI

Id-diskussjonijiet indikaw realtà sottostanti komuni madwar l-UE: l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-kwalità tal-impjieg jibqgħu ta' natura strutturali u kumulattiva. Id-differenzi persistenti fil-pagi, il-progress fil-karriera, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-adeqwatezza tal-pensjonijiet jirriflettu l-effett ikkombinat tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, ir-responsabbiltajiet ta' kura mhux ugwali, l-istereotipi persistenti marbuta mal-ġeneru u l-interruzzjonijiet ripetuti fil-karriera matul il-ħajja. Dawn id-dinamiċi jsaħħu lil xulxin maż-żmien, u jikkontribwixxu għal qligħ aktar baxx tul il-ħajja, eżiti aktar dgħajfa tal-protezzjoni soċjali u tnaqqis fl-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol għan-nisa.

In-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali ġew identifikati bħala lievi importanti għall-progress, iżda l-kontribut tagħhom għadu mhux uniformi bejn is-setturi u l-Istati Membri. L-evidenza ppreżentata matul il-laqgħa ssuġġeriet li n-negozjar kollettiv jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-ġeneri meta perspettiva tal-ġeneru tiġi integrata b'mod sistematiku fil-ftehimiet kollettivi u meta n-nisa jkunu rappreżentati b'mod adegwat fl-istrutturi tat-trade unions u tas-sħab soċjali. Fl-istess ħin, ir-restrizzjonijiet strutturali persistenti jkomplu jillimitaw il-progress, inkluż is-sottorappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u l-konċentrazzjoni tagħhom f'setturi bħall-kura, il-kummerċ u t-turiżmu, fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol spiss huma inqas favorevoli għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u x-xogħol part-time involontarju għadu mifrux.

Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri u d-differenzi bejn il-ġeneri fil-progressjoni tal-karriera ma għandhomx jinftiehm u biss bħala kwistjonijiet ta' paga ugwali, iżda wkoll bħala r-riżultat ta' żvantaġġi kumulattivi li jiżviluppaw matul il-ħajja. Is-segregazzjoni okkupazzjonali, id-distribuzzjoni inugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura u l-interruzzjonijiet ripetuti fil-karriera ġew identifikati bħala xprunaturi ewlenin ta' qligħ aktar baxx tul il-ħajja u eżiti tal-pensjoni aktar dgħajfa għan-nisa. F'dan il-kuntest, il-parteċipanti enfasizzaw l-importanza li l-politiki tas-suq tax-xogħol jiġu kkombinati mal-politiki dwar il-familja u l-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari permezz ta' indukrar tat-tfal affordabbli, sistemi ta' liv tal-ġenituri li jinkoraġġixxu kondiviżjoni aktar ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura, u kopertura aktar b'saħħitha tal-protezzjoni soċjali għal forom ta' xogħol mhux standard.

Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u s-saħħa mentali rriżultaw bħala dimensjoni dejjem aktar importanti tal-kwalità tal-impjegi, b'mod partikolari fil-kuntest ta' piżijiet ta' kura mhux ugwali u forom li qed jevolvu ta' organizzazzjoni tax-xogħol. Filwaqt li arranġamenti ta' xogħol flessibbli u mill-bogħod jistgħu jtejbju l-awtonomija u jappoġġaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, dawn jistgħu wkoll iċajpru l-linja bejn il-ħajja professjonali u dik privata u jżidu r-riskju ta' xogħol eċċessiv, speċjalment għan-nisa li jkomplu jgħorru sehem sproporzjonat ta' responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa. Tfaċċa wkoll tħassib partikolari dwar l-incidanza kontinwa ta' vjolenza u fastidju fuq il-post tax-xogħol, inkluż il-fastidju sesswali. B'mod aktar ġenerali, id-diskussjonijiet enfasizzaw li l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ma jistax jiġi ridott għal flessibbiltà biss, iżda jirrikjedi salvagwardji, prevenzjoni, id-dritt għall-iskonnessjoni, u oqfsa dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali li jintegraw perspettiva tal-ġeneru aktar b'saħħitha.

Fit-temi kollha, id-djalogu enfasizza wkoll fehmiet differenti rigward l-aktar strumenti effettivi ta' politika biex jitħaffef il-progress. It-trade unions enfasizzaw li l-approċċi volontarji waħedhom ma wasslux għal bidla suffiċjenti u enfasizzaw l-importanza ta' oqfsa aktar b'saħħithom ta' infurzar, ta' monitoraġġ u li huma vinkolanti. L-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, filwaqt li rrikonoxxew in-natura strutturali tal-isfidi identifikati, argumentaw li kwistjonijiet bħas-segregazzjoni settorjali u ġerarkika ma jistgħux jiġu solvuti bil-leġiżlazzjoni biss u enfasizzaw l-importanza ta' inċentivi, inizjattivi ta' titjib tal-ħiliet, soluzzjonijiet fil-livell tal-post tax-xogħol u rekwiżiti ta' implimentazzjoni proporzjonati, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

3. KONKLUŻJONIJIET

Aktar titjib fil-kwalità tal-impjegi għan-nisa ma jistax jinkiseb permezz ta' miżuri iżolati jew interventi limitati għal setturi ddominati min-nisa. Minflok, l-evidenza tindika dinamika strutturali li teħtieġ azzjoni koordinata fis-swieq tax-xogħol, fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali, fil-politiki dwar il-ħiliet u fid-djalogu soċjali, flimkien ma' miżuri li jappoġġaw kondiviżjoni aktar ibbilanċjata tar-responsabbiltajiet ta' kura u jindirizzaw il-persistenza tal-istereotipi marbuta mal-ġeneru fit-tfassil tal-għażliet edukattivi u okkupazzjonali.

Implikazzjoni ewlenija hija li l-inugwaljanzi persistenti fil-pagi, fil-progressjoni tal-karriera, fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u fil-pensjonijiet jirriflettu l-effett kumulattiv tal-iżvantaġġi akkumulati matul il-ħajja. Mingħajr politiki li kapaċi jinterrompu din id-dinamika, il-progress x'aktarx li jibqa' limitat. Filwaqt li l-approċċi jvarjaw fir-rigward tal-piż relattiv tar-regolamentazzjoni vinkolanti u l-miżuri bbażati fuq l-inċentivi, hemm rikonoxximent wiesa' li hija meħtieġa azzjoni aktar deċiżiva u allinjata aħjar fil-politiki kollha dwar l-impjiegi, il-kura, il-protezzjoni soċjali u l-ħiliet biex jinkiseb tnaqqis sostnut fid-disparitajiet bejn il-ġeneri.

Meta wieħed iħares 'il quddiem, mid-diskussjonijiet ħarġu diversi prijoritajiet għal azzjoni fil-livell tal-UE. Dawn jinkludu l-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva u proporzjonata tad-Direttiva dwar it-Trasparenza fil-Pagi, dimensjoni qawwija tal-ġeneru fl-inizjattivi li ġejjin dwar il-kwalità tal-impjiegi, it-titjib tal-ġbir tad-data u l-oqfsa ta' monitoraġġ, u l-iżgurar tal-użu effettiv tal-finanzjament disponibbli tal-UE - b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE +) - biex jiġu appoġġati r-riformi u l-isforzi ta' titjib tal-ħiliet. Id-djalogu mas-sħab soċjali kkonferma wkoll li n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali jista' jkollhom rwol importanti fl-indirizzar tas-segregazzjoni fis-suq tax-xogħol, ir-responsabbiltajiet ta' kura mhux ugwali u l-istereotipi persistenti marbuta mal-ġeneru fid-dinja tax-xogħol.